# Ċelebrazzjonijiet

*organizzati mis-***Soċjetà Mużikali San Gabriel**

*fl-okkażjoni tal-festa titulari ta'*

# *Marija Annunzjata*

## *Patruna ta' Ħal Balzan*

**mis-27 ta' Ġunju sat-12 ta' Lulju 2009**

## Ċelebrazzonijiet Esterni

### Is-Sibt 27 ta' Ġunju 2009

**8.30pm** Barbikju Night fil-ġnien tal-każin, kulhadd huwa mistieden. Prezz €13 il-kbar u €6.50 t-tfal u tfal taht l-10 snin b'xejn. Ghal din l-attività jkollna *live entertainment*. *Special Guest* Joe Demicoli. *Booking* mill-Bar tal-Każin.

### Il-Ħadd 28 ta' Ġunju 2009

**8.30pm** Festa Gathering with DJ Pierre Cordina. Fil-ġnien tal-każin attività organizzata mis-sotto kumitat żghażagh. Dhul b'xejn.

### It-Tlieta 30 ta' Ġunju 2009

**7.30pm** Lejla ta' Nostalġija, harsa lejn l-imghoddi fil-ġnien tal-każin mill-istoriku Balzani Carmel Bezzina B.A., M.A., M.E.D. CO. (Bristol).

### Il-Ħamis 2 ta' Lulju 2009

**6.00pm** Kunċert fil-ġnien tal-każin. Il-Banda San Gabriel tkun taht id-direzzjoni ta' Mro Joseph Vella. Jiehu sehem l-Amadeus Chamber Choir li jkun taht id-direzzjoni ta' Mro Brain Cefai.

### Il-Ġimgħa 3 ta' Lulju 2009

**8.00pm** Riċeviment ghall-membri u l-benefatturi tas-Soċjetà. Isiru diskorsi tal-okkażjoni u jitqassmu tifkiriet ta' apprezzament. Kull min hu mistieden ghal din l-okkażjoni ghandu jirċievi invit.

### Is-Sibt 4 ta' Lulju 2009

**9.30am** Żjara lill-anzjani li jghixu wehidhom fil-parroċċa kif ukoll lil dawk li huma residenti fi djar tal-Anzjani. Jinghataw tifkira tal-okkażjoni.

**8.30pm** **Buffet Pasta Night** fil-ġnien tal-każin. Ghal din l-attività jkollna ***Live Entertainment*** ma' John Muscat... li ddejjaq qalbek ma jkun qatt. Kulhadd huwa mistieden, prezz €13 il-kbar, €6.30 it-tfal u tfal taht l-10 snin b'xejn. *Booking* mill-Bar tal-Każin.

### Il-Ħadd 5 ta' Lulju 2009

**8.00pm** **Tombla Night Party** fil-każin. Prezz €7. *Booking* mill-bar tal-każin. Jiġi mqassam ikel u xorb ghal din l-okkażjoni.

### It-Tnejn 6 ta' Lulju 2009

**6.30pm** **Quddiesa** fil-knisja parrokkjali ghall-membri tal-każini tal-baned u l-ghaqdiet kollha tal-parroċċa. Il-membri huma mheġġa biex jattendu.

**7.30pm** Mixghela Ġenerali.

**7.30pm** **Ħruġ tal-vara artistika ta' Marija Annunzjata min-niċċa**. Il-Banda San Gabriel issellem bid-daqq tal-Ave Marija. Wara l-banda San Gabriel taghmel marċ li jibda minn Triq l-Gherusija, Triq Antonio Bosio, Triq Dun Ġwann Zammit Hammett, Triq Sir A. Micallef, Triq Balaguer, Triq iz-Zekkuk, Triq Santa Marija, Triq il-Kbira (posta), Triq Valent Muscat, Triq il-Papa Alessandru, Triq San Valentino, Triq il-Kbira sal-Pjazza Bertu Fenech, Triq il-Kbira ghall-Każin San Gabriel.

### It-Tlieta 7 ta' Lulju 2009

**8.30pm** **Marsovin Wine & Beer Festival** fil-ġnien tal-Każin. Dhul b'xejn. ***Live entertainment*** matul is-serata. Diversi stands tal-inbid u birra bi prezzijiet speċjali, hobż u helu tradizzjonali, mejda tal-qubbajt, prodotti tal-preserves b'risq id-Dar tal-Providenza u affarijiet ohra f'ambejnt ta' Festa!

### L-Erbgħa 8 ta' Lulju 2009 – L-Ewwel Jum tat-Tridu

**7.30pm** Mixghela Ġenerali.

**8.00pm** **Kunċert Ġenerali** fil-ġnien tal-Każin. Il-Banda San Gabriel tkun taht id-direzzjoni ta' Mro Joseph Vella. Jiehdu sehem l-Amadeus Chamber Choir li jkun taht id-direzzjoni ta' Mro Brian Cefai.



### Il-Ħamis 9 ta' Lulju 2009 – It-Tieni Jum tat-Tridu

**8.00pm** Mixghela Ġenerali.

**8.00pm** **Il-Banda San Gabriel** taghmel marċ li jibda minn Triq Sigismondu Dimech, Triq l-Annunzjata, Triq il-Kbira, Triq Santa Marija, Triq il-Kbira sal-Każin, fejn il-Banda San Gabriel tesegwixxi programm mużikali fuq il-planċier. Jiehu sehem l-Amadeus Chamber Choir li jkun taht id-direzzjoni ta' Mro Brian Cefai. Il-Banda San Gabriel tkun taht id-direzzjoni ta' Mro Joseph Vella bl-ghajnuna tal-assistent surmast Tony Carbonaro. Kulhadd huwa mistieden. Se jkun hemm siġġijiet ghad-dispożizzjoni tal-pubbliku biex ikun jista' jiġi segwit il-programm. Imexxu l-programm Marlene Abela u Joe Vella. Din is-sena se jinghaqdu mal-Banda San Gabriel George Curmi l-Pusè, it-Tenur Andrew Sapiano kif ukoll Ġorġina u Ryan Abela. Spettaklu li m'ghandux jintilef lejn l-ahhar tal-Programm fejn l-kapaċità tal-Banda tinghaqad ma' nar sinkronizzat ghas-silta Thunder & Lightning ta' Johann Strauss!

### Il-Ġimgħa 10 ta' Lulju – L-Aħħar Jum tat-Tridu

**8.30pm** Mixghela Ġenerali.

**9.00pm** **Fil-Pjazza ż-żewġ baned ta' Ħal Balzan San Gabriel u Marija Annunzjata** fil-preżenza tal-Kappillan Rev. Dun Kalċ Vassallo jdoqqu l-Ave Marija. Wara l-banda San Gabriel takkumpanja l-istatwa ta' San Gabriel fost il-briju tal-partitarji u jimxu ghal Triq il-Kbira, Triq Santa Marija, Triq il-Kbira sal-każin. Hawnhekk il-banda ddoqq diversi innijiet f'ġieh San Gabriel, l-istatwa tiġi mtellgha fuq il-pedestall maestuż biswit il-każin.

### Is-Sibt 11 ta' Lulju 2009 – Lejlet il-Festa

**8.00pm** Mixghela Ġenerali.

**8.30pm** **Il-Banda Sant'Elena ta' Birkirkara** taghmel marċ li jibda minn Triq Sisner, Triq San Valentino, Vjal il-Papa Alessandru, Triq Idmejda, Triq San Valentino, Triq Idmejda, Triq San Valentino, Triq Santa Marija, Triq il-Kbira sal-Knisja.

### Il-Ħadd 12 ta' Lulju – Jum il-Festa – Jum is-Soċjetà

**6.30pm** **Il-Banda King's Own** tal-Belt Valletta taghmel marċ li jibda minn Triq il-Kbira (Posta), Triq il-Kbira sa fuq iz-zuntier tal-knisja.

**7.30pm** Mixghela Ġenerali.

**7.30pm** **Waqt il-hruġ purċissjoni** bl-istatwa artistika ta' Marija Annunzjata patruna ta' Hal Balzan, jindaqq l-Innu Ave Marija kompożizzjoni ta' Charles Gounod. Jakkumpanja l-Banda King's Own it-tenur Andrew Sapiano.

**9.00pm** **Il-Banda Stella Maris ta' Tas-Sliema** takkumpanja l-purċissjoni minn Triq Sisner, Triq San Valentino, Triq Santa Marija, Triq il-Kbira kantuniera ma' Triq San Valentino.

**10.30pm** **Waqt id-dhul tal-vara l-Banda King's Own** iddoqq l-Innu Ave Marija kompożizzjoni ta' Charles Gounod, jakkumpanja l-Banda King's Own it-Tenur Balzani Elia Cassar.

**11.00pm** **Il-Banda Stella Maris ta' Tas-Sliema** ddoqq diversi marċi fil-marċ tal-ahhar li jibda minn hdejn il-każin Triq il-Kbira, Triq Santa Marija, Triq il-Kbira sal-każin fejn tiġi fi tmiemha l-festa tal-Lunzjata 2009.

***Il-Festa t-Tajba lil kulħadd • Viva Marija Annunzjata***

## Funzjonijiet fil-Knisja

### Il-Ġimgħa 3 ta' Lulju

**6.30pm** Quddiesa.

**7.00pm** 'Nitolbu l-Barka ta' Alla' Adorazzjoni quddiem Ġesù Sagramentat. Ghandek il-Festa ghal qalbek? Ejja ħalli nitolbu flimkien.

### Is-Sibt 4 ta' Lulju

**9.00am** Laqgha ghall-Abbatini kollha.

**5.15pm** Quddiesa

**6.30pm** Quddiesa

### Il-Ħadd 5 ta' Lulju

**9.30am** Quddiesa ghat-tfal (tinghataw tifkira animata mill-Kummissjoni Kateketika u l-Kummissjoni Liturġija.

**10.45am** Tberik tal-*pets* fuq iz-zuntier

**11.30pm** Quddiesa tal-Familja animata mill-Kummissjoni Familja u l-Kummissjoni Liturġija.

**5.30pm** Quddiesa ghall-ewwel mejtin mill-Festa tas-sena l-ohra 'l hawn. Mistiedna speċjali: Il-familjari u l-qraba.

### It-Tnejn 6 ta' Lulju - Nitolbu għall-Ħelpers tal-Parroċċa

**8.30am** Quddiesa animanta mis-Segreterija tal-Uffiċċju Parrokkjali.

**6.30pm** Quddiesa animata mill-Kor Ave Marija. Mistiedna speċjali l-helpers u l-Kollaboraturi tal-Parroċċa, flimkien mal-Kumitati u l-membri taż-żewġ każini tal-Banda.

**7.30pm** L-istatwa ta' Marija Annunzjata titqieghed fil-Knisja ghall-qima taghna, filwaqt li l-Banda San Gabriel issellmilha bid-daqq tal-Ave Marija.

### It-Tlieta 7 ta' Lulju - Nitolbu għall-familji

**9.00am** Quddiesa animata mill-Grupp *Mother & Child*. Mistiedna speċjali: Tfal sa 5 snin. Preżentazzjoni tat-tfal.

**6.30pm** Quddiesa animata mill-Kummissjoni Familja. Jiehu sehem il-Kor tat-Tfal *Angel Voice*. Mistiedna speċjali: koppji li din is-sena jiċċelebraw il-25 jew il-50 sena anniversarju taż-żwieġ taghhom.

### L-Erbgħa 8 ta' Lulju - L-Ewwel Jum tat-Tridu

**8.30am** Quddiesa animata mill-Grupp Ommijiet.

**6.30pm** Quddiesa animata mill-Grupp Karizmatiku. Jippriedka r-Rev. Patri Adrijanu Cachia OFM. Kurunella, Antifona u Barka Sagramentali.

### Il-Ħamis 9 ta' Lulju - It-Tieni Jum tat-Tridu – Il-Vokazzjoni

**8.30am** Quddiesa animata mill-Grupp EBDA.

**8.55am** Nofs siegha adorazzjoni ghall-Vokazzjonijiet animata mill-Abbatini.

**6.30pm** Quddiesa konċelebrata animata mill-Grupp tal-Fokolari u l-Museum. Mistiedna: Is-Saċerdoti u r-reliġjużi, irġiel u nisa Balzanin, li joqoghdu, hadmu jew jahdmu fil-Parroċċa. Jippritka r-Rev. Patri Adrijanu Cachia OFM. Issir offerta ghad-Dar tal-Kleru. Kurunella, Antifona u Barka Sagramenti. Wara riċeviment fid-Dar tal-Kappillan ghas-Saċerdoti u r-Reliġjużi.

### Il-Ġimgħa 10 ta' Lulju - It-Tielet Jum tat-Tridu

#### Morda u Anzjani

**9.00am** Quddiesa ghall-Morda u l-Anzjani animata mill-kummissjoni Liturġija u l-Grupp Senior Citizens. Jiġi amministrat is-Sagrament tal-Morda. Wara jkollhom festin fuq iz-zuntier organizzat mill-Kummissjoni Djakonija.

#### Iż-Żgħażagħ

**6.30pm** Quddiesa animata mill-Grupp Żghażagh tal-Youth Centre. Jippriedka r-Rev. Patri Adrijanu Cachia OFM. Kurunella, Antifona u Barka Sagramentali.

### Is-Sibt 11 ta' Lulju – Lejlet il-Festa

**8.30am** Quddiesa bl-offerti tal-bukketti, animata mill-Grupp Fund Raising. Jitkanta l-Innu ta' Ringrazzjament – Te Deum.

**5.15pm** Quddiesa preseduta minn Dun Ġużepp Sultana.

**6.15pm** Traslazzjoni tar-Relikwa mill-Kappella tal-Lunzjata (l-ewwel Knisja Parrokkjali) ghall-Knisja Parrokkjali. Antifona, Ghasar u Ċelebrazzjoni Ewkaristika. Imexxi t-translazzjoni u l-Ghasar Solenni r-Rev. Saċerdot Novell Dun Keith Scicluna.

**7.30pm** Quddiesa animata mill-ahwa tal-Mixja Neokatekumentali.

### Il-Ħadd 12 ta' Lulju – Jum il-Festa

**7.30pm** Quddiesa preseduta minn Mons. Vincent Borg.

**8.30am** Quddiesa ppreseduta minn Dun Ġużepp Sultana.

**9.30am** Konċelebrazzjoni Kantata Solenni. Jippresiedi r-Rev. Saċerdot Novell Dun Keith Scicluna. Paniġierku mir-Rev. Tumas Calleja OFM. Conv.

**11.30am** Quddiesa preseduta minn Dun Joe Degabriele.

**5.30pm** Quddiesa preseduta minn Dun Joe Galea Curmi, S.T.D.

**6.30pm** Kant tal-Ghasar

**7.30pm** Tohroġ il-Purċissjoni bl-istatwa artistika ta' Marija Annunzjata. Jippresiedi l-funzjoni u jmexxi l-Purċissjoni r-Rev. Saċerdot Novell Dun Keith Scicluna.

**10.30pm** Antifona u Barka Sagramentali

### Il-Ġimgħa 17 ta' Lulju

### Ngħidu Grazzi lill-Mulej u lil Xulxin

**5.30pm** Quddiesa bis-sehem tal-Kor Ave Marija.

**6.15pm** Innu Popolari lil Marija Annunzjata u dhul tal-Vara fin-Niċċa.

**7.15pm** Riċeviment fil-bitha taċ-Ċentru Parrokkjali ghall-helpers u kollaboraturi kollha (Kumitat tal-Każini, Reffiegha, Fratelli Korijiet, Kumitat u membri tal-Ghaqdiet Reliġjużi kollha u Gruppi tal-Parroċċa, *Street Helpers*, Letturi u kull min b'xi mod jghin fil-hidma tal-Parroċċa).

**Mhux qed jintbaghtu inviti: Dan l-avviż iservi ta' stedina.**

Fil-Ġimgha tal-Festa jiehu sehem il-Kor Parrokkjali *Ave Maria* mmexxi mis-Sur Lawrence Scicluna li wkoll jidderieġi l-mużika tat-Tridu, lejlet u nhar il-Festa. Organista: Is-Sinjura Eileen Conrad.

## Programm tal-Ħruq tan-Nar

***Organizzat mill-Għaqda Piroteknika 25 ta' Marzu - Ħal Balzan AD 2007***

### Il-Ġimgħa 10 ta' Lulju – L-aħħar Jum tat-Tridu

**8.00am** Hruq ta' bomba u murtaletti.

**12.00pm** Hruq ta' bomba u murtaletti.

**9.00pm** Wara ċ-ċelebrazzjoni Ewkaristika hruq ta' bomba u murtaletti.

### Is-Sibt 11 ta' Lulju – Lejlet il-Festa

**8.15am** Waqt it-*Te Deum*, hruq ta' bomba u murtaletti.

**11.45am** Hruq ta' bomba u murtaletti.

**6.15pm** Waqt it-Translazzjoni hruq ta' bomba, murtaletti u slajsijiet.

**11.30pm** Esebizzjoni ta' hruq tan-nar tal-art akkumpanjat bil-mużika fil-Pjazza ta' Hal Balzan.

### Il-Ħadd 12 ta' Lulju – Jum il-Festa

**8.00am** Hruq ta' bomba u murtaletti.

**12.00pm** Hruq ta' bomba u murtaletti.

**7.30pm** Waqt il-hruġ tal-purċissjoni jinharaq salut u kaxxa infernali. Il-purċissjoni tkun akkumpanjata minn hruq ta' murtaletti u slajsijiet kif ukoll kaxxi kkuluriti.

Issettjat u Stampat: Bestprint Ltd., Qrendi